MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Mandat Numru. 1918/2007/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**
**Imħallef**
**Onor. Abigail Lofaro LL.D.**
**Dip Stud Rel**
**Mag Juris (Eur Law)**

**Mandat ta' Inibizzjoni : 1918/07 AL**

***Victor Spiteri karta tal-identita numru 703237M***

***versus***
***L-Avukat Generali, l-Onorevoli Ministru gall-Kompetitivita u l-Kommunikazzjonjiet, l-Malta Maritime Authority, u d-Direttur tal-Portijiet***
Il-Qorti:

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposti;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-provi li tressqu;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat in-Nota tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi qabel ma gie notifikat id-digriet taghha tal-21 ta' Dicembru 2007, gie iffirmat u ippublikat l-Avviz Legali 437 ta' l-2007 li permezz tieghu giet stabbilita illi l-eta ta' irtirar ghal 'foremen' fil-portijiet ta' Malta hija dik ta' wiehed u sittin (61) sena;

Illi, ghalhekk il-Qorti tara illi r-rikorrenti naqas milli jissodisfa ir-rekwiziti tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt illi tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha tal-21 ta' Dicembru, 2007, tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illum 18 ta' Jannar, 2007

**Rita Mangion**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------